KUNSILL LOKALI NADUR

**Minuti tas-seba' u għoxrin (27) laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur**
**L-Erbgħa, 14 ta' Diċembru, 2016, fis-6.00pm**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |
| Michael Camilleri | Kunsillier |
| | |
| Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Brittany Attard | Ambaxxatriċi taż-Żagħżagħ |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |

**Talba:** Il-laqgħa bdiet b'talba.

1. **Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li Dr. Josianne Cutajar u Dr. Rita Mifsud talbu li jiġu skużati mil-laqgħa. Il-Kunsill approva dawn it-talbiet.

2. **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-minuti tal-sitta u għoxrin laqgħa, tal-21 ta' Novembru 2016, tat-tmien (8) Kunsill Lokali ġew ikkoreġuti, approvati, ffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali.

3. **Komunikazzjoni mis-Sindku u mistoqsijiet mil-Kunsilliera.**

- ***Offerta Pubblika dwar 'Planters' tal-Pjazza*** – Is-Sindku talab li tiġi diskussa din l-offerta peress li bi żvista ma tniżżlitx fl-agenda. Eucharist Camilleri spjega l-proċess li għamel il-Kumitat ta' Evalwazzjoni u s-Sindku qara l-approvazzjoni tal-istess Kumitat tal-unika offerta, dik ta' Xerri's Landscaping għal €5,700. Din kienet konformi mar-rikjesti. Il-Kunsilliera approvaw unanimament ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

## 4. Korrispondenza:

(5684) Ċirkulari Numru 44/2016 rigward Seminar dwar Xandir Soċjali, l-użu tal-Wifi u taħriġ dwar opportunijiet ta' fondi mill-programm 'Europe for citizens'.

(5685) Ittra mingħand il-Kumitat għall-ismijiet tat-toroq għal-Għawdex rigward Triq Daħla ta' Grejger.

- Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li ser jitqabbad il-Perit Edward Scerri sabiex jagħmel site plan u din tintbgħat lil Kumitat kif rikjest. Il-Kunsilliera qablu.

(5686) Direttiva numru 5/2016.

(5687) E-mail mingħand id-DLG rigward ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv.

- Is-Sindku talab lil Kunsilliera japprovaw in-nominazzjoni tas-Sur Darren Vella bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv f'każ ta' assenza tas-Segretarja. Il-Kunsilliera qablu.

(5688) Ittra mingħand Vincent Buttigieg rigward stat perikoluż ta' Triq l-Imġarr.

(5689) Ittra mingħand KIP rigward proposta ġdida li jixtiequ jiddiskutu mal-Kunsill.

(5690) Ittra mingħand Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar rigward appell numru 00346/2016 - fi Triq David Cocco Palmeri.

(5691) Ittra mingħand Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar rigward appell Numru 26/16.

(5692) Ċirkulari Numru 45/2016 dwar Onorarju dovut lill-President u Membri Eletti tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, il-President tar-Reġjuni u s-Sindki.

(5693) Ċirkulari numru 63/2016 dwar Kuntratti (cleaners ufficini u kenniesa) maħruga mill-Kunsilli Lokali u Kumitati Reġjonali.

(5694) LCA Ċirkulari 62/2016 – CLGF Bulletin.

(5695) Ittra ta' stedina mingħand l-Arċipriet Jimmy Xerri dwar Kor fil-Knisja tal-Qalb ta' Gesu.

(5696) Ċirkulari numru 46/2016 dwar Struzzjonijiet għal matul il-Festi tal-Milied.

(5697) Ċirkulari numru 46A/2016 – Corrigendum għal Ċirkulari no. 46/2016.

(5698) Ċirkulari numru 47/2016 dwar Inizjattiva ta' taħriġ- Sistema ta' akkwist Elettroniku (l-ePPS).

(5699) Ċirkulari nr. 48/2016 dwar Il-Community Workers Scheme fil-Kunsilli Lokali.

(5700) Ittra mingħand Young Minds Ltd. dwar Premises għal Child Care Centre.

(5701) Ċirkulari numru 64/2016 dwar laqgħa ta' Informazzjoni – Skemi tal-Awtorita' tal-Ippjanar b'fondi għall-Kunsilli Lokali.

(5702) E-mail mingħand l-uffiċċju tal-President rigward Strina f'Għawdex.

(5703) Ittra mingħand DLG rigward konferenza 'Community Based Tourism: Myth or Reality.

(5704) Ittra mingħand Reġjun Għawdex rigward Lanterni tad-dawl tat-toroq.
(5705) Ittra mingħand Reġjun Għawdex dwar numru korrett tal-Lanterni tad-dawl tat-toroq fuq ħsarat.
(5706) Ċirkulari numru 49/2016 dwar Inizjattiva ta' taħrig - tisbieħ fil-kitba Maltija.

Is-Sindku hawnhekk innota Stqarrija li ħarġet mis-Segretarjat tal-Onorevoli Ian Borġ dwar fondi li ser ikun hemm fix-xhur li ġejjin għal asfaltar ta' Toroq Rurali. Il-Kunsilliera qablu li nagħtu priorita lil Wied Binġemma, Triq ta' Xurdin u Triq Irdum ta Vnuta.

**5. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.**

Is-Sindku nnota xi pagamenti li żdiedu mal-iskeda, u anke xi korrezzjonijiet li jridu jsiru għal iskeda ta' din il-laqgħa. Hawnhekk Eucharist Camilleri nnota li minkejja li neħħejna l-Open Skips minn ta' Xurdin, ma kellniex problem f'dawk l-inħawi.

L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata unanimament.

**6. Proċess ta' Reklutaġġ għal Skrivan fi Skala 15.**

Is-Sindku spjega r-rapport li pprovda l-Bord tal-Għażla fejn kien hemm disa' CVs minn lista ta' erba' u sebgħin persuna eliġibbli. Dawn kollha ġew mgħajta għal interview, pero erba' ma setgħux jiġu u tnejn biss attendew mill-bqija. Wieħed minnhom ma ġiex rakommandat mil-Bord, u l-persuna l-oħra ma laħqitx dak mistenni. Il-Bord irrakomanda li nimxu għal Part 2 tal-proċess. Il-Kunsilliera qablu.

**7. Milied 2016.**

**Open Market:** Is-Sindku spjega li minħabba x-xita dan ma kienx suċċess u ħafna ma ramawx. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-quddiem isir Open Market extra u dawn ma iħallsux extra bħala kumpens. Il-Kunsilliera qablu.

**Ftuħ tal-Wirja tal-Presepji u Presepju Ħaj:** Is-Sindku spjega li din kienet attivita' suċċess fejn attendew ħafna nies u jidher li l-inviti qed jaħdmu. Is-sindku nnota li l-Għaqda tal-Presepji amalgamat tajjeb il-ftuħ taż-żewġ affarijiet mar-rikonoxximent lil persuni li ħadmu għal presepju. Filwaqt li Eucharist Camilleri nnota li l-marketing huwa mportanti ħafna, s-Sindku qal li probabilment sena oħra rridu ngħinu lil Għaqda ssib post alternattiv.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**Santa Claus is Coming to Nadur:** Is-Sindku spjega li hemm ħafna preparamenti għaddejjin. It-tined tal-Coca Cola u l-istage ser jintramaw fil-pjazza. Qed isir programm ta' entertainment mħallat b'kant, banda, u żfin. Ser ikun hemm Bouncing Castle, Craft Station u Face Painting għat-tfal minn Hamoki. Ser jinfetaħ is-shelter għal viżitaturi. Rigward il-villaġġ tal-Milied, ix-xogħol qed isir minn Rupert Grech, Peter Azzopardi u Sammy Portelli u l-Kunsilliera qablu li dawn jingħataw kumpens ta' €150-il wieħed. Joseph Portelli qed jagħti t-turf b'xejn. Josef Camilleri ser jarma il-kamra ta' Santa Claus. Ordnajna tapit aħmar għal kamra mingħand Jean Paul ta' Għajnsielem. D Illumination ser jixegħlu l-pjazza għall-attivita. Angie Marie Portelli ser tieħu ħsieb il-ħelu għat-tfal. Il-Kunsilliera qablu ma' dan kollu.

Is-Sindku spjega li ntlaħaq ftehim ma' Matt Hush fejn dan ser jieħu ritratti uffiċjali lit-tfal ma' Santa Claus. Il-qbil huwa li s-servizz tiegħu u tal-ħaddiema biex jipprintjaw isir b'xejn. L-ewwel ritratt lil kull tifel/tifla jingħata b'xejn u jiġi ssussidjat mill-Kunsill Lokali. Min irid imbagħad jipprintja aktar jista' jagħmel dan u iħallas dak il-ħin. Il-Kunsilliera qablu.

Is-Sindku kompla li l-Għaqda Armar Triq il-Kappillan ser tieħu ħsieb dak kollu relatat ma Santa House u li Santa Claus ser jidħol b'karozzin li mbagħad idawwar lit-tfal b'xejn. Il-Karozzin ser jiswa €300. Il-Kunsilliera qablu.

Eucharist Camilleri talab naraw jekk hux possibli nsibu strope light biex turi li hemm l-attivita mill-bogħod u saħaq li ma għandniex noqogħdu nillimitaw lilna nfusna f'attivitajiet tagħna meta aħna tant nikkollaboraw f'attivitajiet oħra.

## 8. Riċiklaġġ.

Is-Sindku spjega li s-Segretarja ġabret żewġ espressjonijiet ta' interess mingħand GreenMT u GreenPAK peress li ser jagħlaq il-kuntratt. Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew dak li ngħabar fosthom il-kampanji edukattivi, boroż b'xejn, marketing, vouchers, door-to-door collection, bring-in-sites, glass collections, esperjenza u outreach tal-kumpaniji, fondi disponibbli aktar minn normal, sapport tekniku, u numru ta' materji oħra. Wara din id-diskussjoni l-Kunsilliera qablu unanimament li l-Kunsill għandu jmur għal l-espressjoni ta' GreenPAK għat-tlett snin li ġejjin, li jibdew mill-1 ta' Jannar, 2017.

## 9. Ambaxxatur taż-Żgħażagħ.

Is-Sindku talab lil Brittany Attard sabiex tagħmel ir-rakomandazzjonijiet tagħha. Brittany Attard pproponiet lil Luke Galea bħala persuna ideali għal dan l-irwol issa li hi waslet fl-aħħar u dan in vista li Luke Galea huwa bil-għaqal u attiv f'diversi fora, u jkun tajjeb li wara żewġ tfajliet issa jingħata ċans lil ġuvni. Il-Kunsilliera qablu unanimanent. Is-Sindku talab lil Brittany Attard li tattendi għal aħħar laqgħa ta' Jannar.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

## 10. Materji Oħra.

i. ***Librerija –*** Is-Sindku spjega li kellu laqgħa mal-Librara u qamu dawn iż-żewġ rikjesti:

- Li peress li kull nhar ta' Tnejn qed tinżamm sessjoni 'Aqra Miegħi', tingħata l-opportunita li tiftaħ il-Librerija għal sija u nofs aktar mill-10.00 sal-11.30am u dan biex jingħata servizz aħjar. Il-Kunsilliera qablu.
- Li jinxtraw numru ta' kotba ġodda bil-Malti peress li għadu kif ħareġ stock ieħor. Il-Kunsilliera qablu għal baġit ta' €200.

ii. ***Siġar tal-Pjazzetta –*** Is-Sindku spjega li ser isir żbir ta' dawn is-siġar minn ELC kif tibda s-sena l-ġdida. Il-Kunsilliera qablu.

iii. ***Dawl Monument Gwerra*** – Is-Sindku spjega li numru ta' nies qed jitolbu ftit dawl mal-monument tal-gwerra li hemm mal-iskola primarja u dan b'rispett. Il-Kunsilliera qablu li ssir floodlight.

iv. ***Anzjani –*** Is-Sindku talab approvazzjoni li jinxtraw ħelu tal-Milied mingħand Grech's Bakery għall-anzjani li jattendu d-Day Centre u jitqassmu minn Dr. Rita Mifsud. Il-Kunsilliera qablu.

v. ***Monument Brian Portelli –*** Is-Sindku spjega li tqabbdet Hermine Sammut biex tara x'manutenzjoni hemm bżonn u nfurmat li hemm bżonn polish, tindif u titranġa l-istilla għal stima ta' €120. Se nqabbdu electrician jirranġa d-dawl tal-art. Il-Kunsilliera qablu.

vi. ***Sick Leave – Salvu Xiberras –*** Is-Sindku spjega li Salvu Xiberras kien weġġa waqt xogħol fil-Karnival u kien informa lis-Segretarja. Huwa ma għamilx l-operazzjoni meħtieġa minħabba l-Festa u l-Wine Festival. Wara l-operazzjoni huwa uża s-sick leave, pero jidher li huwa ntitolat għal aktar numru ta' ġranet sick leave skond il-liġi. Il-Kunsilliera qablu.

vii. ***FECC –***Is-Sindku spjega li l-FECC ser isir fil-Belt Valletta f'Mejju li ġej, u dawn ser jiġu ġurnata Għawdex. Huwa talab l-approvazzjoni tal-kunsill sabiex f'lejl minnhom isir BBQ Kbir fil-Pjazza u nagħtu ċ-ċans li jkollna Karnival Spontanju fuq ġurnata waħda biss.

viii. ***Bozoz –*** Is-Sindku spjega li l-waiting list tal-Bozoz rikjesti qegħda dejjem tiżdied u allura talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tal-inqas għalissa isiru tlieta minnhom. Il-Kunsilliera qablu li jsiru dawk ta' Triq Cicciano, dik tal-isqaq Fi Triq ir-Ramla, u dik ta' Triq l-Emigranti. Bozoz rikjesti oħrajn li għadhom jistennew huma dawk ta' Triq Ħida (kantuniera ma' Triq Uqija), ħdejn il-Partita tal-Boċċi ta' San Blas, Triq San Ġakbu, Triq Ġuże Bonnici, u Triq il-Buskett.

ix. **Requests-**

- Jitranġaw il-bankini ta' 68 Triq Ramla, 91 Triq San Ġwann, 26 Triq Lourdes u 22 Triq Sant Indrija.
- Eucharist Camilleri talab li l-quddiem issir l-bankina ta' mas-Sala Parrokjali u ssir bankina ġdida fi Triq San Blas mitluba minn Matthew Camilleri.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

x. **Ikla Kunsilliera u Staff:** Is-Sindku u l-kunsilliera qablu li din ssir nhar it-13 ta' Jannar f'Ta Karolina x-Xlendi.

## 11. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 16 ta' Jannar 2016, fil-5.30p.m.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva